



Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2018

Opinjoni tal-FRA

Is-sena 2017 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakoli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2018 tal-FRA jirrevedi żviluppi ewlenin f'dan il-qasam, filwaqt li jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li jifdal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjoni tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin f'dawn l-oqsma tematiċi u taqsira tal-evidenza li tappoġġa dawn l-opinjoni. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kumpatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin tad-drittijiet fundamentali li qed tiffaċċja kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.

Werrej

FOKUS	1. Tibdil fil-perċezzjonijiet: lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fir-rigward tat-tixjiħ	2
	2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri	4
	3. Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni	5
	4. Ir-razziżmu, il-ksenofobja u l-intolleranza relatata	8
	5. L-integrazzjoni tar-Rom	10
	6. Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni	13
	7. Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data	15
	8. Id-drittijiet tat-tfal	17
	9. Aċċess għall-ġustizzja inkluż id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità	20
	10. Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà	23

1. Tibdil fil-perċezzjonijiet: lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fir-rigward tat-tixjiĥ

Dan il-kapitolu jesplora l-bidla fil-ħsieb li qed issir bil-mod iżda ineżorabbilment fir-rigward tal-età avvanzata, f'termini ta' "defiċits" li joħolqu "ħtiġijiet" għal kunsiderazzjoni aktar komprensiva li tinkludi approċċ lejn it-tixjiĥ "ibbażat fuq id-drittijiet". Din il-bidla paradigmatika gradwali tfittex li tirrispetta d-dritt fundamentali tat-trattament indaqs tal-individwi kollha, irrispettivament mill-età – mingħajr ma tittraskura l-protezzjoni u l-għoti ta' appoġġ lil dawk li jiġu bżonnha. Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem ma jikkontradixxi ir-realtà ta' ħtiġijiet speċifiċi għall-età; għall-kuntrarju, approċċ ibbażat fuq id-drittijiet jippermetti li dawk il-ħtiġijiet jiġu indirizzati aħjar, kif meħtieġ, filwaqt li jitqiegħdu fil-qafas ta' narrattiva bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem.

Is-swieq tax-xogħol u s-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali diġà għaddew minn trasformazzjonijiet profondi biex jirrispondu għal-lonġevità u għall-isfidi li soċjetà li qed tixjieħ timponi fuq is-sistemi ekonomiċi u soċjali nazzjonali. Dan il-proċess beda b'għadd ta' inizjattivi fl-Unjoni Ewropea (UE) u fid-dinja. Dawn jinkludu l-għieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-età fil-qasam tal-impjiegi, il-promozzjoni ta' tixjiĥ attiv u l-inċentivar fir-rigward ta' ħajjiet professjonali itwal, kif ukoll l-introduzzjoni ta' riformi fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali li jindirizzaw ix-xjuħija, jiġifieri fil-pensjonijiet, l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u kura fit-tul. Ir-riformi bdew jitbiegħdu wkoll minn approċċi bbażati fuq il-ħtiġijiet li l-għan tagħhom huwa li jirrispondu għal "nuqqasijiet" relatati mal-età, billi qegħdin ipoġġu l-fokus tagħhom fuq l-individwu, bniedem bi drittijiet fundamentali u dinjità tal-bniedem inerenti. Skont l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-dinjità tal-bniedem hija invjolakbli u għandha tiġi protetta u rrispettata, irrispettivament mill-età.

Madankollu, din il-bidla m'għandhiex tinjora l-ħtiġijiet speċifiċi għall-età ta' persuni kbar fl-età, u lanqas m'għandha tnaqqas l-importanza tar-responsabbiltajiet tal-istati lejn l-individwi – inklużi l-persuni kbar fl-età – li jistgħu jkunu jeħtieġu l-appoġġ. Barra minn hekk, il-persuni kbar fl-età huma grupp eteroġenu bi ħtiġijiet u preferenzi pjuttost diversi. Bosta preferenzi u esperjenzi matul il-ħajja jaffettwaw l-iżvilupp tax-xjuħija. Il-ġeneru, l-istatus ta' immigrant jew minoranza etnika, id-diżabbiltà kif ukoll l-istatus soċjoekonomiku u aspetti ġeografiċi jew oħrajn jista' jkollhom diversi effetti negattiv fuq il-persuni kbar

fl-età. Dan jiddetermina bil-bosta sa liema estent dawn igawdu d-drittijiet tagħhom.

Id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE japplikaw għal kulħadd, irrispettivament mil-età. Madankollu, l-età tidher speċifikament fl-Artikolu 21 bħala raġuni protetta ta' diskriminazzjoni u fl-Artikolu 25, li jirrikonoxxi dritt għall-persuni kbar fl-età "li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali".

In-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għall-persuni kbar fl-età f'diversi oqsma tal-ħajja, huma inkorporati wkoll fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie proklamati riċentement. Skont il-Kummissjoni Ewropea, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali "parzjalment imur lil hinn mill-acquis attwali". L-objettiv huwa li ssir riflessjoni dwar kif għandha tiġi estiża l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età għall-oqsma tal-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-aċċess għall-oġġetti u għas-servizzi disponibbli għall-pubbliku.

Il-proklamazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali, għalkemm dan huwa sett mhux legalment vinkolanti ta' prinċipji u drittijiet, turi rieda politika qawwija u impenn politiku b'saħħtu mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE biex jaħdmu lejn Ewropea aktar soċjali u inklużiva – Ewropa li tagħmel użu aħjar u li jirrispetta aktar il-kapital uman kollu tagħha mingħajr ma teskludi lil ħadd. Din hija opportunità għall-UE u l-Istati Membri biex jagħtu riżultati konkreti fir-rigward tal-promozzjoni u l-implimentazzjoni

tad-drittijiet tal-persuni kbar fl-età, li jagħmlu parti importanti mill-kapital uman u għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-aspetti kollha tal-ħajja.

Madankollu, l-iffissar ta' regoli u standards minimi huwa biss l-ewwel pass f'dan il-proċess. Is-sensibilizzazzjoni u l-użu ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ huma ugwalment essenzjali sabiex jiġu ssodisfati d-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha, inkluż tal-persuni kbar fl-età, kif stipulat fil-Karta. F'dan l-isforz, l-impenn kemm tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri huwa b'zonnjuż ferm.

F'dan ir-rigward, l-opinjoni tal-FRA deskritti hawn taħt għandhom jitqiesu bħala komponenti prinċipali b'appoġġ għall-bidla lejn approċċ komprensiv ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tat-tixjiħ.

FRA Opinjonijiet 1.1

Il-leġislatur tal-UE għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jadotta Direttiva dwar it-Trattament Ugwali. Id-direttiva se testendi b'mod orizzontali l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq diversi raġunijiet, inkluża l-età, għal oqsma ta' importanza partikolari għall-persuni kbar fl-età, inklużi l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, il-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u s-settur tal-abitazzjoni.

FRA Opinjonijiet 1.2

Sabiex jipproteġi d-drittijiet soċjali b'mod aktar b'saħħtu, il-leġislatur tal-UE għandu jipproċedi b'azzjoni legali konkreta, filwaqt li jimplementa ulterjorment il-prinċipji u d-drittijiet stipulati

fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan ir-rigward, dan għandu jiżgura l-adozzjoni rapida tad-Direttiva proposta dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u jaċċellera l-proċeduri għall-adozzjoni ta' Att Ewropew komprensiv dwar l-Aċċessibbiltà. Sabiex tiġi żgurata koerenza mal-korp usa' tal-leġislażzjoni tal-UE, l-Att dwar l-Aċċessibbiltà għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jorbtuh ma' atti rilevanti oħra, bħar-regolamenti li jkopru l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

FRA Opinjonijiet 1.3

L-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll għodda oħra finanzjarji tal-UE, biex jipromwovv approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fir-rigward tat-tixjiħ. Sabiex itejbu r-riformi li jipromwovv għajxien b'mod dinjituż u awtonomu, kif ukoll opportunitajiet biex il-persuni kbar fl-età jipparteċipaw, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jafferrew mill-ġdid u jirrinforzaw fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (wara l-2020) kondizzjonalitajiet ex-ante, kif ukoll dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. Tali miżuri għandhom jiżguraw li l-finanzjament tal-UE jintuża f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali.

Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw b'mod sistematiku l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni kbar fl-età f'mekkaniżmi ewlenin tal-koordinazzjoni tal-politika, bħas-Semestru Ewropew.

2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri

Fl-2017, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kienet fis-seħħ bħala l-karta legalment vinkolanti tad-drittijiet tal-UE għat-tmien sena. Hija tikkomplementa d-dokumenti nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). Bħal fi snin preċedenti, ir-rwol u l-użu tal-Karta fil-livell nazzjonali kienu mħallta: jidher li ma hemm ebda titjib sinifikanti fl-użu tagħha mill-ġudikatura jew fil-proċessi leġiżlattivi; u kien diffiċli li jiġu identifikati politiki governattivi li għandhom l-għan li jippromwovu l-Karta. Minflok, b'referenzi limitati u spiss superfiċjali fil-qrati, il-parlamenti u l-gvernijiet nazzjonali, għal darb'oħra l-potenzjal tal-Karta reġa' ma ġiex sfruttat.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-UE meta jaġixxu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Il-leġiżlatura tal-UE taffettwa, b'mod dirett jew indirett, il-ħajjiet ta' nies li jgħixu fl-UE, kważi f'kull qasam ta' politika. Fid-dawl ta' dan, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandha tifforma standard rilevanti meta mħallfin jew uffiċjali pubbliċi fl-Istati Membri jwettqu l-kompiti ta' kuljum tagħhom. Madankollu, bħal fis-snin riċenti (2012–2016), l-evidenza tal-FRA tissuġġerixxi li l-ġudizzjarji u l-amministrazzjonijiet jaġhmlu biss użu pjuttost limitat tal-Karta fil-livell nazzjonali. Jidher li f'tit li xejn hemm politiki li l-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-Karta, minkejja l-fatt li l-Istati Membri huma obbligati mhux biss li jirrispettaw id-drittijiet koperti mill-Karta, iżda anke li "jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom" (Artikolu 51 tal-Karta). Meta ssir referenza għall-Karta fil-proċess leġiżlattiv jew mill-ġudikatura, ta' spiss l-użu tagħha jibqa' superfiċjali.

FRA Opinjoni 2.1

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iħeġġu aktar skambju ta' informazzjoni dwar l-esperjenzi u l-approċċi relatati mar-referenza u l-użu tal-Karta – bejn l-imħallfin, l-assoċjazzjonijiet tal-avukati u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri iżda wkoll tul il-fruntieri nazzjonali. Fl-inkoraġġiment ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri tal-UE għandhom jaġhmlu l-aħjar użu minn opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti, bħal dawk taħt il-programm tal-Ġustizzja.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jippromwovu sensibilizzazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-Karta u jiżguraw li moduli mmirati ta' taħriġ jiġu offruti lill-imħallfin nazzjonali u lil prattikanti oħrajn legali.

Skont l-Artikolu 51 (qasam tal-applikazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kull leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-liġi tal-UE għandha tikkonforma mal-Karta. Bħal fis-snin li għaddew, l-irwol tal-Karta fi proċessi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali baqa' limitat fl-2017: il-Karta mhijiex standard li huwa esPLIĊITAMENT u regolarment applikat matul proċeduri ta' skrutinju tal-legalità jew li jivvalutaw l-impatt tal-leġiżlazzjoni li ġejja – filwaqt li strumenti nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem huma sistematikament inklużi f'dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, bħal fis-snin li għaddew, bosta deċiżjonijiet mill-qrati nazzjonali li użaw il-Karta għamlu dan mingħajr ma artikolaw argument raġunat dwar għaliex il-Karta applikat fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.

FRA Opinjoni 2.2

Il-qrati nazzjonali, kif ukoll il-gvernijiet u/jew il-parlamenti, jistgħu jikkunsidraw "skrinjar aktar konsistenti tal-Artikolu 51 (qasam tal-applikazzjoni)" biex jiġi vvalutat fi stadju bikri jekk każ ġudizzjarju jew fajl leġiżlattiv iqajjimx kwistjonijiet skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-iżvilupp ta' manwali standardizzati dwar passi prattiċi biex jiċċekkjaw l-applikabbiltà tal-Karta – s'issa dan huwa biss il-każ fi f'tit Stati Membri – jista' jipprovdi lill-prattikanti legali b'għodda biex jivvalutaw b'mod effiċjenti r-rilevanza tal-Karta f'każ jew f'proposta leġiżlattiva partikolari. Il-Manwal dwar l-applikabbiltà tal-Karta tal-FRA jista' jservi ta' ispirazzjoni f'dan ir-rigward.

3. Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

Is-sena 2017 ġabet magħha progress imħallat fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea (UE). Filwaqt li d-Direttiva dwar it-Trattament Indaq – proposta fl-2008 – ma kinitx ġiet adottata sa tmiem is-sena, l-UE ddikjarat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jsib l-għeruq tiegħu fil-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Restrizzjonijiet fuq ilbies u simboli reliġjużi fuq ix-xogħol jew fi spazji pubbliċi baqgħu jingħataw attenzjoni, u affettwaw lin-nisa Musulmani b'mod partikolari. Sar xi progress fl-ugwaljanza għal persuni lezbbjani, gay, bisesswali, transġeneru u interesswali (LGBTI), b'mod partikolari rigward l-istat ċivili ta' xi koppji tal-istess sess. Sadanittant, xi sejbiet li huma bbażati fuq firxa wiesgħa ta' data dwar l-ugwaljanza – inkluża data miksuba permezz ta' ttestjar għad-diskriminazzjoni – juru li t-trattament mhux ugwali u d-diskriminazzjoni għadhom realtazjiet fis-soċjetazjiet Ewropej.

Is-sejbiet tat-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS II) tal-FRA u ta' diversi riċerki nazjonali ppubblikati fl-2017 jikkonfermaw li d-diskriminazzjoni u t-trattament inugwali abbażi ta' raġunijiet differenti għadhom jeżistu f'oqsma ewlenin tal-ħajja madwar l-UE. Filwaqt li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jippromwovi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni lil hinn mill-acquis attwali fil-qasam tal-ugwaljanza, l-UE u l-Istati Membri tagħha, madankollu, jistgħu jutilizzaw bis-sħiħ l-istrumenti ta' politika sabiex irawmu l-ugwaljanza. Madankollu, peress li d-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali għadha ma ġietx adottata, l-UE tħaddem ġerarkija ta' bażijiet. Fl-2017, in-negozjati dwar id-direttiva proposta fil-Kunsill tal-UE daħlu fid-disa' sena tagħhom u sa tmiem is-sena kienu għadhom ma tlestewx.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-lewn, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politiki jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) iqis li l-Kunsill, jaġixxi b'mod unanimu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu azzjoni xierqa biex jiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentament sesswali.

FRA Opinjoni 3.1

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jadotta d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali sabiex jiżgura li l-UE toffri protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni f'oqsma ewlenin tal-ħajja, irrISPETTIVAMENT mis-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

FRA Opinjoni 3.2

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jipproċedi b'azzjoni legali konkreta biex jipproteġi d-drittijiet soċjali b'mod aktar b'saħħtu u jimplementa ulterjorment il-prinċipji u d-drittijiet stipulati fil-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.

Fl-2017, ir-restrizzjonijiet fuq ilbies u s-simboli reliġjużi fuq il-post tax-xogħol jew f'postijiet pubbliċi komplew isawru d-dibattiti dwar ir-reliġjon fl-UE. Dawn ir-restrizzjonijiet jaffettwaw b'mod partikolari lin-nisa Musulmani li jilbsu forom differenti ta' ħwejjeġ intiżi li jgħattu r-ras jew il-wiċċ. Il-QtĠ-UE u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) offrew gwida ulterjuri f'dan il-qasam, fir-rigward ta' rekwiżiti okkupazzjonali ġenwini, il-projbizzjoni ta' simboli reliġjużi viżibbli, u l-ilbies fil-pubbliku ta' ħwejjeġ reliġjużi li jkopru kompletament il-wiċċ. Xi Stati Membri tal-UE jpoġġu restrizzjonijiet fuq ħwejjeġ li jgħattu l-wiċċ f'postijiet pubbliċi biex jippromwovu l-ideal tagħhom ta' soċjetazjiet inklużivi,

jew biex jippreservaw in-newtralità tal-impjegati taċ-ċivil, tal-imħallfin u tal-prosekuturi pubbliċi.

L-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jggarantixxi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon ta' kulħadd. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li tbidel ir-reliġjon jew it-twemmin u l-libertà li turi r-reliġjon jew it-twemmin fil-qima, tagħlim, Prattika u osservanza, waħdek jew f'komunità ma' oħrajn. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin. L-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tirspetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

FRA opinjoni 3.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li, meta tteħed inkunsiderazzjoni kwalunkwe restrizzjoni fuq is-simboli jew l-ilbies assoċjati mar-reliġjon, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jiġu s-salvagwardjati. Kwalunkwe proposta leġiżlattiva jew amministrattiva li ttipprezenta r-riskju li tillimita l-libertà li wieħed jipprattika r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu għandha tinkorpora kunsiderazzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali u r-rispett lejn il-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità.

L-Istati Membri tal-UE komplew jimplementaw miżuri sabiex javvanzaw l-ugwaljanza tal-persuni lezġjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI). Diversi Stati Membri tal-UE allinjaw l-istatus ċivili tal-koppji tal-istess sess ma' dak tal-koppji miżżewġa, għalkemm xi kultant b'limitazzjonijiet fir-rigward tal-adozzjoni jew tal-prokreazzjoni assistita. Oħrajn ħadu passi biex jiddemedikalizzaw il-proċess tarriassenjazzjoni tas-sess, bi Stat Membru wieħed tal-UE jadotta proċeduri ssimplifikati għal persuni trans biex ibiddlu s-sess reġistrat tagħhom. Il-kwistjoni tal-ġhodka binarja li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru nġhatat prominenza f'xi Stati Membri tal-UE, bi Stat Membru wieħed jagħmel l-użu tal-indikatur "X" possibbli f'dokumenti uffiċjali, bħala alternatva għal raġel jew mara.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess u orjentazzjoni sesswali. F'Diċembru tal-2015, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat lista ta' azzjonijiet biex tavvanza l-ugwaljanza tal-LGBTI, inkluż biex ittejjeb id-drittijiet u tiżgura protezzjoni legali tal-persuni LGBTI u tal-familji tagħhom, kif ukoll biex timmonitorja u tinforza drittijiet eżistenti. Il-lista ta' azzjonijiet tkopri l-perjodu ta' bejn l-2016 u l-2019. Minkejja li din mhijiex legalment vinkolanti, il-lista tipprovdi gwida dwar fejn u kif l-Istati Membri

tal-UE jistgħu jaħdmu biex jiżguraw li l-persuni LGBTI jkunu jistgħu jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom biex jissodisfaw il-miri tal-Aġenda 2030 għall-lżvilupp Sostenibbli. L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza fi ħdan il-pajjiżi u bejniethom jistabbilixxi, bħala wieħed mill-għanijiet tiegħu, l-iżguraw ta' opportunità ugwali u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi tal-eżiti. Dan jinkludi l-eliminazzjoni ta' liġijiet, politiki u prattiki diskriminatorji, u jippromwovi leġiżlazzjoni, politiki u azzjoni xierqa.

FRA Opinjoni 3.4

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu jadottaw u jimplementaw miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-persuni lezġjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mid-drittijiet fundamentali tagħhom. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin jużaw il-lista ta' azzjonijiet biex javvanzaw l-ugwaljanza tal-LGBTI li ġiet ipubblikata mill-Kummissjoni Ewropea biex tiggwida l-isforzi tagħhom.

Id-data dwar l-ugwaljanza toffri mezz b'saħħtu sabiex jinkixfu t-tendenzi tal-inugwaljanza fl-Istati Membri tal-UE, kif ukoll bażi solida għal tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Is-sejbiet tal-EU-MIDIS II u tar-riċerka ppubblikati mill-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza u mill-awtoritajiet pubbliċi fl-2017 juru biċ-ċar li d-diskriminazzjoni u t-ttrattament inugwali jaffettwaw profondament lis-soċjetajiet Ewropej. Is-sejbiet ta' riċerka li timplementa l-metodu ta' ttestjar għad-diskriminazzjoni jipprovdu evidenza empirika ulterjuri ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjegi u l-abitazzjoni abbażi ta' għadd ta' raġunijiet f'diversi Stati Membri tal-UE. Bil-ġbir sistematiku ta' data dwar it-tendenzi tal-inugwaljanza, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jimmonitorjaw l-impatt tal-politiki u l-miżuri li ġew implimentati sabiex irawmu l-ugwaljanza u jipromwovu n-nondiskriminazzjoni u jistgħu jaġġustawhom biex itejbu l-effettività tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom biex jissodisfaw il-miri tal-Aġenda 2030 għall-lżvilupp Sostenibbli. Id-disponibbiltà ta' data soda u affidabbli dwar l-ugwaljanza tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkejlu l-progress fir-rigward tal-ilħuq tal-miri 10.2 u 10.3 taħt l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-pajjiżi u bejniethom.

Tipi differenti ta' data, bħal data statistika u amministrattiva, kif ukoll evidenza xjentifika jistgħu jintużaw sabiex jiġi appoġġjat it-tfassil tal-politika bl-għan li jiġi promoss it-ttrattament ugwali u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni. Tali data tista' tintuża wkoll

sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) jew tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE). Fir-rakkomandazzjonijiet ġenerali ta' politika tagħha, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tenfasizza l-ħtieġa għal data tajba sabiex tiġi appoġġjata l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà toffri gwida fir-rigward tal-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza.

FRA Opinjonijiet 3.5

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu jappoġġjaw u jiffinanzjaw il-ġbir ta' data affidabbli u soda dwar l-ugwaljanza mill-aġenziji u l-korpi tal-UE, mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, u minn awtoritajiet pubbliċi u istituzzjonijiet akkademiċi oħrajn. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jipprovdu lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) b'data soda u affidabbli dwar l-ugwaljanza, sabiex l-UE tkun tista' tiżviluppa programmi u miżuri mmirati li permezz tagħhom trawwem it-trattament ugwali u tippromwovi n-nondiskriminazzjoni. Fejn ikun possibbli u rilevanti, id-data miġbura mhux biss għandha titqassam skont is-sess u l-età, iżda anke skont l-oriġini etnika, id-diżabbiltà u r-reliġjon.

4. Ir-razziżmu, il-ksenofobja u l-intolleranza relatata

Sbatax-il sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u disa' snin wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobja, l-immigranti u l-gruppi etniċi ta' minoranza għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni, fastidju u tfassil mifruxa ta' profili etniċi diskriminatorji madwar l-UE, kif juru s-sejbiet tat-tieni Stħarriġ dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea (EU-MIDIS II), li twettaq mill-FRA. Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE biex jiġġieldu kontra r-razziżmu u r-reati ta' mibgħeda, permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobja u forom oħra ta' intolleranza. Hija kompliet ukoll timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u tad-Deċiżjoni Qafas. Għalkemm bosta Stati Membri tal-UE qed jirvedu l-leġiżlazzjoni tagħhom kontra r-razziżmu, fl-2017 kienu biss 14 minnhom li stabbilew pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji mmirati lejn il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika.

Minkejja l-inizjattivi ta' politika li twettqu fi ħdan il-qafas tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobja u forom oħrajn ta' intolleranza, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda razzisti u ksenofobiċi għadhom jaffettwaw profondament il-ħajjiet ta' miljuni ta' persuni fl-UE. Dan jidher fis-sejbiet mill-EU-MIDIS II u ġie rrapportat fil-ħarsiet ġenerali regolari tal-FRA dwar it-tħassib relatat mad-drittijiet fundamentali b'rabta mal-migrazzjoni.

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobja jiddeskrivi l-miżuri li l-Istati Membri għandhom jieħdu biex jikkastigaw imġiba razzista u ksenofobika intenzjonata. L-Artikolu 4 (a) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) jobbliga ulterjorment lill-partijiet tal-Istat sabiex jagħmlu l-inċitament għal diskriminazzjoni razzjali, kif ukoll l-atti ta' vjolenza kontra kull razza jew grupp ta' persuni, reati punibbli bil-liġi.

FRA Opinjoni 4.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li kwalunkwe każ allegat ta' mibegħda, inkluż id-diskors ta' mibegħda, jiġi effettivament irregiſtrat, investigat, mixli u pproċessat. Dan jeħtieġ li jsir f'konformità mal-liġi nazzjonali, tal-UE, Ewropea u internazzjonali applikabbli.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu aktar sforzi biex b'mod sistematiku jirregiſtraw, jiġbru u jipubblikaw ta' kull sena data komparabbli dwar reati ta' mibegħda sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet legali u ta' politika, effettivi bbażati fuq l-evidenza għal dawn il-fenomeni. Kwalunkwe data għandha tinġabar skont l-oqfsa legali nazzjonali u l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE.

Minkejja l-qafas legali b'saħħtu stabbilit mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE), ir-riżultati tal-EU-MIDIS II u evidenza oħra juru li proporzjon konsiderevoli ta' immigranti u gruppi etniċi minoritarji jiffaċċjaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni minħabba l-isfond etniku jew ta' migrazzjoni tagħhom, kif ukoll karatteristiċi potenzjalment relatati, bħall-kultur tal-ġilda u r-reliġjon. Ir-riżultati juru ftit progress meta mqabbla mat-tmien snin preċedenti, meta twettaq l-ewwel stħarriġ EU-MIDIS; il-proporzjon ta' dawk li esperjenzaw id-diskriminazzjoni għadu f'livelli li jqajmu tħassib serju. Dawn jiżvelaw ukoll li l-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu mhumiex konxji ta' kwalunkwe organizzazzjoni li toffri appoġġ jew parir lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, u l-maġġoranza mhumiex konxji ta' kwalunkwe korp tal-ugwaljanza.

FRA Opinjon 4.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw titjib fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni pratika tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Dawn għandhom ukoll iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-mekkaniżmi rilevanti ta' rimedju, b'mod partikolari fost dawk l-aktar affettwati mid-diskriminazzjoni, bħal membri ta' minoritajiet etniċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi biżżejjed, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

Fl-2017, 14-il Stat Membru biss kellhom pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ddedikati fis-seħħ biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni razzjali, ir-razziżmu jew il-ksenofobija. Id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban tan-Nazzjonijiet Uniti li jirriżultaw mill-Konferenza Dinjija kontra r-Razziżmu, id-Diskriminazzjoni Razzista, il-Ksenofobija u Intolleranza Relatata jassenja lill-Istati r-responsabbiltà primarja għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. Il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħrajn ta' intolleranza jipprovdi lill-Istati Membri tal-UE b'forum għal skambju ta' prattiki biex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess ta' pjanijiet ta' azzjoni bħal dawn.

FRA Opinjon 4.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali speċifiċi biex jiġġieldu r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzista, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jsegwu l-gwi-da prattika mogħtija mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar kif tiżviluppa tali pjanijiet. F'konformità ma' din il-gwi-da, tali pjanijiet ta' azzjoni għandhom jistabbilixxu objettivi u azzjonijiet, jassenjaw korpi statali responsabbli, jistabbilixxu dati fil-mira, jinkludu indikaturi ta' prestazzjoni, u jipprovdu għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet tista' tipprovdi lill-Istati Membri tal-UE b'mezz effettiv biex tassigura li ssodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija.

Kif irrappurtat f'Rapporti preċedenti dwar id-Drittijiet Fundamentali, l-evidenza mill-EU-MIDIS II turi li l-membri ta' gruppi ta' minoranza etnika għadhom jiffaċċjaw profilar diskriminatorju mill-pulizija. Tali profilar jista' jnaqqas il-fiduċja fil-infurzar tal-liġi fost il-persuni bi sfondi ta' minoranza etnika, li ta' spiss jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn dawn jitwaqqfu u ssirilhom tfittxija mingħajr ebda raġuni ħlief minħabba l-apparenza tagħhom. Din il-prattika tmur kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) u standards oħrajn internazzjonali, inklużi dawk inkorporati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relatata tal-QEDB, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

FRA Opinjon 4.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom itemmu forom diskriminatorji ta' tfassil ta' profilar. Dan jista' jinkiseb billi jiġi pprovdut taħriġ sistematiku dwar liġi kontra d-diskriminazzjoni lill-uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, kif ukoll billi wieħed jippermettilhom li jifhmu aħjar preġudizzju inkuxjenti u jisfidaw sterjotipi u preġudizzji. Tali taħriġ jista' wkoll iqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi ta' diskriminazzjoni u dwar kif għandha tiżded il-fiduċja fil-pulizija fost il-membri tal-komunitajiet ta' minoranza. Barra minn hekk, sabiex jimmonitorjaw prattiki diskriminatorji ta' profilar, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkunsidraw li jirreġistraw l-użu tal-poteri li bihom il-persuni jitwaqqfu u ssirilhom tfittxija. B'mod partikolari, dawn jistgħu jirreġistraw l-etniċità ta' dawk li jitwaqqfu – li attwalment dan isir fi Stat Membru wieħed – skont oqfsa legali nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data

5. L-integrazzjoni tar-Rom

Il-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom għadu ma rriżultax fi progress sinifikanti u "tanġibbli", minkejja l-implimentazzjoni kontinwa ta' miżuri biex tittejjeb l-inklużjoni tar-Rom fl-Istati Membri. Il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni żdiedet, iżda t-tluq bikri mill-iskola u s-segregazzjoni għadhom problema. Is-sitwazzjoni tar-Rom fl-impjeg, fis-settur tal-abitazzjoni u fis-saħħa turi ftit li xejn titjib, filwaqt li s-sentimenti persistenti kontra r-Rom, li huma evidenti fid-diskriminazzjoni, il-fastidju u r-reati ta' mibgħeda, jibqgħu ostakli importanti għall-inklużjoni tar-Rom. Il-ħtieġa li jiġu indirizzati s-sentimenti kontra r-Rom saret prijorità politika oġġla fl-2017, riflessa fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-aspetti tad-drittijiet fundamentali fl-integrazzjoni tar-Rom fl-UE. Huma meħtieġa sforzi msaħħa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri ta' integrazzjoni, filwaqt li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil żgħażagħ u nisa Rom marġinalizzati u soċjalment esklużi.

Is-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA dwar ir-Rom juru li s-sentimenti kontra ż-żingari jibqgħu ostakolu importanti għall-inklużjoni tar-Rom. Ir-Rom għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni minħabba l-etniċità tagħhom fl-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjegi, l-abitazzjoni u l-kura tas-saħħa. Id-diskriminazzjoni u s-sentimenti kontra ż-żingari jiksru d-dritt tan-nondiskriminazzjoni kif rikonoxxut skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) u strumenti oħrajn Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni effettiva tar-Rom tirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-infurzar prattiku effettiv tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Il-ħtieġa li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra r-Rom permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija, b'enfasi partikolari fuq aspetti relatati mal-ġeneru, ġiet indirizzata f'rapporti preċedenti tal-FRA, inklużi r-rapport tal-EU-MIDIS II dwar Roma - *Selected findings* (Roma - Sejbiet magħżula) u *Fundamental Rights Report 2017* (ir-Rapport tal-2017 dwar id-Drittijiet Fundamentali).

FRA Opinjoni 5.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-ġlieda kontra s-sentimenti ta' mibegħda li jinħassu fil-konfront taż-żingari tiġi integrata f'miżuri ta' politika u tingħaqad ma' politiki ta' inklużjoni attivi li jindirizzaw l-inugwaljanza etnika u l-qgħad, f'konformità mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Deċiżjoni Qafas dwar

il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija. Dawn għandhom jinkludu wkoll miżuri ta' sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tar-Rom, immirati lejn il-popolazzjoni ġenerali, il-fornituri tas-servizz, il-persunal involut fl-edukazzjoni pubblika u l-pulizija. Tali miżuri jistgħu jinkludu stħarriġ jew riċerka kwalitattiva mwettqa fil-livell nazzjonali jew lokali sabiex jiġi mifhum l-impatt soċjali tas-sentimenti kontra ż-żingari.

Ir-rati ta' reġistrazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal żdiedu, filwaqt li dan jirrifletti l-investimenti u l-miżuri mill-gvernijiet biex jappoġġjaw l-edukazzjoni bikrija. Minkejja tnaqqis fir-rata ta' żgħażagħ Rom li jtilqu kmieni mill-iskola, madwar 7 minn 10 żgħażagħ Rom ta' bejn it-18 u l-24 sena għadhom jtilqu kmieni mill-iskola. Barra minn hekk, is-segregazzjoni fl-edukazzjoni żdiedet f'diversi Stati Membri tal-UE u d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni ma tji bitx b'mod sinifikanti. L-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jiddeskrivi l-importanza tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, li jinkludu d-dritt għal edukazzjoni. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi b'mod espliċitu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' etniċità jew razza. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom titlob li tiġi eliminata kwalunkwe segregazzjoni fl-iskejjel u li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-impatt fit-tul għall-eliminazzjoni tas-segregazzjoni. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tapplika wkoll għall-qasam tal-edukazzjoni. Il-proċeduri ta' ksar kontra tliet Stati

Membri fir-rigward tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni fil-kuntest ta' ksur tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjonali jirriflettu l-gravità ta' din il-kwistjoni.

FRA Opinjonijiet 5.2

L-awtoritajiet edukattivi nazzjonali għandhom jipprovdu l-appoġġ u r-riżorsi meħtieġa lill-iskejjel b'popolazzjonijiet ta' studenti Rom sabiex jiġu indirizzati l-aspetti kollha ta' inklużjoni edukazzjonali: sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u jitnaqqsu r-rati ta' studenti li jtilqu mill-edukazzjoni qabel iż-żmien. L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu aktar sforzi biex jindirizzaw is-segregazzjoni fl-edukazzjoni li jiffukaw fuq sostenibbiltà aktar fit-tul u fl-istess ħin jindirizzaw id-diskriminazzjoni u s-sentimenti kontra ż-żingari. Il-miżuri ta' de-segregazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati bi sforzi ta' sensibilizzazzjoni u promozzjoni tad-diversità fl-iskejjel, filwaqt li dawn għandhom ikunu indirizzati lill-ġhalliema, l-istudenti u l-ġenituri.

It-titjib fil-parteċipazzjoni edukattiva tar-Rom mhux dejjem irriżulta f'rati oġhla ta' impjegji jew ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-qgħad fit-tul jibqa' sfida, filwaqt li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol saħansitra saret aktar diffiċli għaż-żgħażaġh Rom u n-nisa Rom. Filwaqt li xi proġetti u miżuri ta' politika speċifiċi mmiraw lejn il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh Rom u tan-nisa Rom fl-impjegji, dawn il-gruppi partikolari f'it li xejn ingħataw attenzjoni sistematika. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom titlob lill-Istati Membri tal-UE jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw trattament ugwali tar-Rom fl-aċċess għas-suq tax-xogħol – pereżempju, permezz ta' miżuri li jappoġġjaw l-ewwel esperjenza ta' xogħol u t-taħriġ vokazzjonali, l-impjegġ indipendenti u l-intraprenditorija, l-aċċess għal servizzi pubbliċi ewlenin tal-impjegġi u li jeliminaw l-ostakoli bħad-diskriminazzjoni. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ġie proklammat fl-2017, jagħmel referenza għall-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja biex jgħin fil-ġestjoni ta' tranżizzjonijiet ta' suċċess fis-suq tax-xogħol, kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-opportunitajiet ugwali u l-appoġġ attiv għall-impjegġi, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u dawk qiegħda.

FRA Opinjonijiet 5.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-miżuri biex jappoġġjaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għar-Rom. Il-politiki tal-impjegġi, l-uffiċċji u n-negozji nazzjonali tal-impjegġi, b'mod partikolari fil-livell lokali, għandhom jipprovdu appoġġ biex jippermettu impjegġi indipendenti u attivitajiet relatati mal-intraprenditorija. Dawn għandhom ukoll jagħmlu sforzi ta' sensibilizzazzjoni fil-konfront tar-Rom biex jappoġġjaw l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'enfasi addizzjonali fuq in-nisa u ż-żgħażaġh Rom.

Sabiex il-miżuri għall-integrazzjoni tar-Rom jirnexxu, il-parteċipazzjoni sinifikanti tar-Rom fil-proġetti u fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji lokali hija essenzjali. Il-parteċipazzjoni tar-Rom fil-livell nazzjonali hija importanti għat-tfassil u l-monitoraġġ ta' strateġiji nazzjonali dwar l-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika u din għandha tiġi appoġġjata bi pjattaformi ta' dialogu u parteċipazzjoni fil-livell nazzjonali. Il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jiffaċilitaw l-involvement taż-żgħażaġh, inkluż tar-Rom, partikolarment fil-livell lokali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom titlob involviment u parteċipazzjoni attivi tar-Rom, u approċċi lokali xierqa għall-integrazzjoni. L-esperjenza tal-FRA permezz tar-riċerka tagħha fir-rigward tal-Impenn Lokali għall-Inklużi tar-Rom (LERI) turi kif il-komunitajiet lokali jistgħu jingħataw is-setgħa biex jieħdu sehem fl-iżvilupp ta' proġetti u strateġiji.

FRA Opinjonijiet 5.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom jew is-settijiet integrati tagħhom ta' miżuri ta' politika biex javvanzaw l-isforzi bl-iskop li jipromwovu approċċi parteċipatorji għat-tfassil tal-politika u fi proġetti ta' integrazzjoni, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-isforzi fil-livell lokali u dawk ta' appoġġ immexxija mill-komunità. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u sorsi oħrajn ta' finanzjament għandhom jintużaw sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tar-Rom u proġetti ta' integrazzjoni mmexxija mill-komunità.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom titlob lill-Istati Membri tal-UE jimmonitorjaw u jevalwaw kif xieraq l-effettività tal-istrateġiji nazzjonali u tal-politiki ta' inklużjoni soċjali tagħhom. Tali mekkaniżmi ta' monitoraġġ jeħtieġ li jinkludu data kwalitattiva u kwantitattiva rilevanti fejn ikun possibbli, filwaqt li jiżguraw li l-ġbir tad-data jkun konformi mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali. Filwaqt li diversi Stati Membri inkludew indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi biex ikejlu l-progress fir-rigward tal-integrazzjoni tar-Rom, xi wħud għad m'għandhom l-ebda mekkaniżmu ta' monitoraġġ fis-seħħ. Huma f'tit dawk il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jinkludu informazzjoni dwar l-użu effettiv tal-fondi tal-UE.

FRA Opinjoni 5.5

L-Istati Membri għandhom itejbu jew jistabilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ dwar l-integrazzjoni tar-Rom, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2013 dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri. Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għandhom jinkludu ġbir ulterjuri ta' data anonimizzata mqassma skont l-etniċità u l-ġeneru, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, u jinkludu mistoqsijiet rilevanti fi stħarriġ fuq skala kbira bħall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien. Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għandhom jinvolvu lis-soċjetà ċivili u lill-komunitajiet lokali tar-Rom. Valutazzjonijiet indipendenti, li jinvolvu r-Rom, għandhom jivvalutaw ukoll l-użu u l-effettività tal-fondi tal-UE, u għandhom jikkontribwixxu b'mod dirett għat-titjib tal-miżuri ta' politika.



6. Ażil, viżi, migrazzjoni, fruntieri u integrazzjoni

Il-wasliet irregolari bil-baħar naqsu bin-nofs meta mqabbel mal-2016, u ammontaw għal madwar 187 000 fl-2017. Madankollu, aktar minn 3 100 persuna mietu waqt li kienu qed jaqsmu l-baħar biex jaslu fl-Ewropa. Tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, żdiedu l-allegazzjonijiet ta' pulizija li jittrattaw ħażin lill-migranti. Xi Stati Membri tal-UE kienu għadhom qed isibuha diffiċli jilqgħu applikanti għall-ażil. Aktar ma jmur, l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà ntrabtu aktar ma' xulxin, b'sistemi ta' informazzjoni tal-UE fuq skala kbira jservu kemm biex jimmaniġġjaw l-immigrazzjoni kif ukoll biex isaħħu s-sigurtà. Sadanittant, il-pressjoni biex il-migrazzjoni irregolari tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv kompliet ħarrxet ir-riskji eżistenti għad-drittijiet fundamentali.

Għalkemm l-għadd ta' persuni li jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE b'mod mhux awtorizzat naqas fl-2017, għad fadal sfidi sinifikanti fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Xi wħud mill-aktar ksur gravi jinvolvi t-trattament ħażin tal-migranti li jaqsmu l-fruntiera billi jevitaw il-kontrolli fil-fruntiera. Rapporti ta' mgħiba abbużiva żdiedu b'mod sinifikanti fl-2017, b'mod partikolari fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent. Dawk li wiegħbu l-istħarriġ tal-EU-MIDIS II tal-FRA, li intervista aktar minn 12,000 immigrant tal-ewwel ġenerazzjoni fl-UE, indikaw ukoll esperjenzi relatati ma' ksur mill-pulizija jew mill-gwardjani tal-fruntieri. Minkejja l-għadd sinifikanti ta' allegazzjonijiet, rarament jinbdeu proċedimenti kriminali – parzjalment minħabba n-nuqqas ta' rieda mill-vittmi biex jiftħu kawża, iżda anke minħabba evidenza insuffiċjenti. Ftit li xejn jingħataw kundanni kriminali.

L-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Il-projbizzjoni hija assoluta, jiġifieri din ma tippermettix eċċezzjonijiet jew derogi.

FRA Opinjoni 6.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrinforzaw miżuri preventivi biex inaqqsu r-riskju li l-pulizija individwali u l-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera jinvolvu ruħhom f'imġiba abbużiva fil-fruntieri. Kull meta jsiru rapporti ta' trattament ħażin, dawn għandhom jiġu investigati b'mod effettiv u l-awturi għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja.

Fl-2017, l-UE tat prijorità għolja lir-riformazzjoni tas-sistemi tagħha tat-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira fil-qasam tal-migrazzjoni

u l-ażil. Permezz tal-“interoperabbiltà”, is-sistemi differenti se jiġu kkonnessi ma' xulxin b'mod aħjar. Repożitorju ċentrali se jgħaqqad flimkien l-identità tal-persuni kollha li nħażnu fis-sistemi differenti, u mekkaniżmu se jidentifika jekk id-*data* dwar l-istess persuna hijiex maħżuna fis-sistemi tal-IT taħt ismijiet u identitajiet differenti. Mhux l-aspetti kollha tar-regolamenti proposti dwar l-interoperabbiltà kienu soġġetti għal skrutinju bir-reqqa tad-drittijiet fundamentali.

Ir-riformi tas-sistemi tal-IT jaffettwaw diversi drittijiet protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inklużi d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8), id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24), id-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18), id-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47) u d-dritt għal-libertà u l-iskrutinju ta' persuna (l-Artikolu 6).

FRA Opinjoni 6.2

L-UE għandha tiżgura li l-leġiżlatur tal-UE jew il-korpi esperti indipendenti jivvalutaw bir-reqqa l-impatti kollha tad-drittijiet fundamentali tal-proposti differenti fuq l-interoperabbiltà qabel ma dawn jiġu adottati u implimentati, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-esperjenzi differenti tan-nisa u l-irġiel.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għamlu sforzi sinifikanti biex iżidu r-ritorn tal-migranti f'sitwazzjoni irregolari. L-awtoritajiet responsabbli għall-immigrazzjoni u oħrajn rilevanti jqisu ċ-ċaħda tal-libertà bħala bażi soda importanti għal ritorni effettivi. Il-Manwal rivedut dwar ir-Ritorn, li ġie adottat fl-2017, jinkludi lista ta' sitwazzjonijiet li l-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu bħala

indikazzjonijiet ta' "riskju ta' ħarba" – fil-prattika, l-aktar ġustifikazzjoni frekwenti sabiex tiġi ordnata detenzjoni. Dan jiddefinixxi wkoll ċirkostanzi fejn għandu jiġi preżunt riskju ta' ħarba, filwaqt li l-piż sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni jiġi ttrasferit fuq l-individwu. In-nuqqas ta' statistika komparabbli dwar id-detenzjoni tal-immigrazzjoni fl-UE jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat sa liema estent l-attenzjoni rinforzata sabiex ir-ritorni jsiru aktar effettivi rriżultat f'żieda fl-użu ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni. Madankollu, rapporti li juru mudelli ta' detenzjoni arbitrarija waslu minn Stati Membri differenti tal-UE.

Id-detenzjoni tikkostitwixxi interferenza kbira mad-dritt għal-libertà protett mill-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe każ ta' libertà għandha ttrispetta s-salvagwardji stabbiliti biex jipprevjenu detenzjoni illegali u arbitrarija.

FRA Opinjoni 6.3

Meta jċaħħdu lill-individwi mil-libertà tagħhom abbażi ta' raġunijiet relatati mal-immigrazzjoni, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrispettaw is-salvagwardji kollha imposti mill-Karta kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. B'mod partikolari, id-detenzjoni trid tkun meħtieġa fil-każ individwali.

Il-FRA enfasizzat b'mod konsistenti l-importanza tal-monitoraġġ tar-ritorn sfurzati skont l-Artikolu 8(6) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn bħala għodda li tippromwovi ritorni konformi mad-drittijiet fundamentali. Mhux l-Istati Membri kollha tal-UE waqqfu sistemi ta' monitoraġġ operattivi għar-ritorn sfurzati.

L-implimentazzjoni tar-ritorni tinvolvi riskji sinifikanti relatati ma' drittijiet fundamentali essenzjali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inklużi d-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2), il-projbizzjoni tat-tortura, u ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti (l-Artikolu 4), id-dritt għal-libertà (l-Artikolu 6), id-dritt għal rimedju effettiv u l-prinċipju ta' non-*refoulement* (l-Artikolu 19).

FRA Opinjoni 6.4

L-Istati Membri kollha tal-UE marbutin bid-Direttiva dwar ir-Ritorn għandhom iwaqqfu sistema effettiva ta' monitoraġġ tar-ritorn.



7. Soċjetà tal-informazzjoni, privatezza u protezzjoni tad-data

L-2017 kienet sena importanti kemm għall-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali. L-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda ġab miegħu kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi. Waqt li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE kienu qed jiffinalizzaw ix-xogħol ta' tħejija tagħhom għall-applikazzjoni tal-pakkett tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data, qamu sfidi ġodda. Il-progress esponenzjali fir-riċerka relatata ma' "big data" u mal-intelliġenza artifiċjali, u l-wegħdiet tagħhom f'diversi oqsma bħas-saħħa, is-sigurtà u s-swieq kummerċjali, poġġew pressjoni fuq l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili biex jinvestigaw l-impatt reali tagħhom fuq iċ-ċittadini – u speċjalment fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom. Sadanittant, żewġ attakki ta' malwer fuq skala kbira ppreżentaw sfida iebesha għas-sigurtà diġitali. Ir-riformi reċenti tal-UE fl-oqsma tal-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà, kif ukoll l-isforzi attwali tagħha relatati mal-privatezza diġitali, kienu f'waqthom u rilevanti fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi.

L-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 16(2) tat-TFUE jirrikonossu l-protezzjoni tad-data personali bħala dritt fundamentali. Dawn jafferimaw li l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti. Is-sorveljanza u l-infurzar tad-drittijiet dwar il-protezzjoni tad-data jistgħu jsiru realtà jekk tali awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa, inklużi bini u infrastruttura xierqa, sabiex jiżguraw prestazzjoni effettiva tal-kompiti tagħhom u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom. Tali rekwiżit huwa stipulat fl-Artikolu 52(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

FRA Opinjoni 7.1

L-Istati Membri tal-UE għandhom jivvalutaw bir-reqqa r-riżorsi umani u finanzjarji, inklużi l-ħiliet tekniċi, meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data fid-dawl tar-responsabbiltajiet ġodda tagħhom li jirriżultaw mit-titjib fis-setgħat u l-kompetenzi stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Il-GDPR jirrikjedi li l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data jiżguraw sensibilizzazzjoni u fehim tad-drittijiet u tar-riskji relatati mal-ipproċessar tad-data personali. Madankollu, il-maġġoranza tal-linji gwida

u tal-kampanji li jqajmu sensibilizzazzjoni huma prinċipalment aċċessibbli online, u b'hekk l-aċċess għall-internet huwa kruċjali għas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, għad hemm diviżjoni diġitali importanti bejn il-ġenerazzjonijiet f'termini tal-użu tal-internet.

FRA Opinjoni 7.2

L-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data għandhom jiżguraw li l-kontrolluri kollha tad-data jagħtu attenzjoni speċifika lit-tfal u liċ-ċittadini tal-UE akbar fl-età sabiex tiġi ggarantita sensibilizzazzjoni ugwali tad-drittijiet dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data, u sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà kkawżata mill-illiteriżmu diġitali.

Filwaqt li titqies l-analiżi tal-QtĠ-UE, il-kamp ta' applikazzjoni taż-żamma tad-data mwettqa skont il-ftehim dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) u d-Direttiva PNR għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju. Dan ifisser li tiġi eskluża ż-żamma tad-data dwar il-passiġġieri li jkunu diġà telqu u li fil-prinċipju ma jippreżentawx riskju ta' terroriżmu jew ta' reat transnazzjonali serju – tal-inqas meta la l-kontrolli u l-verifiki u lanqas kwalunkwe ċirkostanza oħra ma jkunu żvelaw evidenza oġġettiva ta' tali riskju.

FRA Opinjoni 7.3

Meta jirrevedi d-Direttiva PNR skont l-Artikolu 19, il-leġiżlatur għandu jqis l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE). B'mod partikolari, dan għandu jikkunsidra li jirrevedi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva PNR biex jillimita l-kamp ta' applikazzjoni taż-żamma tad-data, wara t-tluq bl-ajru tal-passiġġieri, għal dawk il-passiġġieri li jistgħu jippreżentaw b'mod oġġettiv riskju f'termini ta' terroriżmu u/jew reat serju transnazzjonali.

L-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data għandhom il-kompitu li jimmonitorjaw u jinfurzaw l-applikazzjoni tal-GDPR, u jipromwovu l-fehim tar-riskji, regoli, salvagwardji u drittijiet b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali. Dan ir-rwol isir saħansitra aktar importanti fil-kuntest ta' analitika tal-"big data", li tippermetti disponibbiltà, qsim u użu awtomatizzat mingħajr preċedent tad-data personali. Kif enfasizzaw il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ewropew, tali pproċessar – operat minn persuni fiżiċi, kumpaniji privati u awtoritajiet pubbliċi – jista' jimponi għadd ta' sfidi fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari d-drittijiet tagħhom għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali u n-nondiskriminazzjoni. Għad hemm bżonn ta' aktar riċerka sabiex sfidi bħal dawn jiġu identifikati b'mod ċar u jiġu indirizzati minnufih.

FRA Opinjoni 7.4

L-Istati Membri tal-UE għandhom jevalwaw l-impatt ta' analitika tal-"big data" u jqisu kif għandhom jindirizzaw riskji relatati mad-drittijiet fundamentali permezz ta' mekkaniżmi supervizzorji b'saħħithom, indipendenti u effettivi. Minħabba l-għarfien espert tagħhom, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data għandhom jiġu involuti b'mod attiv f'dawn il-proċessi.

Id-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni (Direttiva NIS) ittejjeb il-livell globali tas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni permezz ta', fost l-oħrajn, strateġiji, filwaqt li timponi varjetà ta' obbligi fuq "operaturi nazzjonali ta' servizz essenzjali" bħall-elettriku, it-trasport, l-ilma, l-enerġija, l-infrastruttura tas-saħħa u diġitali, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva f'dawn is-setturi kollha essenzjali. B'mod partikolari, l-Artikolu 8 tad-direttiva jobbliha lill-Istati Membri jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar, kif ukoll punt uniku nazzjonali ta' kuntatt dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, li "għandhom, meta jkun adatt u f'konformità mal-liġi nazzjonali, jikkonsultaw u jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali rilevanti u mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data nazzjonali". L-inizjattivi ta' implimentazzjoni f'diversi Stati Membri enfasizzaw il-hteġġa li jiġi żgurat li l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fil-GDPR jittieħdu inkunsiderazzjoni u jiġu rifelessi kif xieraq fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva NIS.

FRA Opinjoni 7.5

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva NIS fil-liġi nazzjonali jikkonformaw mal-prinċipji ta' protezzjoni stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet nazzjonali jeħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tas-sigurtà tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħażna u tar-responsabbiltà, speċjalment fir-rigward tal-obbligu tad-Direttiva NIS għall-awtoritajiet nazzjonali biex jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tad-data.



8. Id-drittijiet tat-tfal

Kumplessivament, ir-rati ta' faqar fost it-tfal fl-UE naqsu ftit, iżda baqgħu għoljin. Madwar 25 miljun tifel u tifla jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Privazzjoni ta' abitazzjoni severa taffettwa 7 % tal-familji bit-tfal fl-UE. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizza d-dritt tat-tfal għall-protezzjoni mill-faqar u għall-ugwaljanza; huwa jiffoka speċifikament fuq edukazzjoni bikrija affordabbli tat-tfal u kura ta' kwalità tajba. It-tfal migranti u rifuġjati komplew jaslu fl-Ewropa u jfittxu protezzjoni, għalkemm dawn kienu inqas milli fl-2015 u fl-2016. Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea pprovdiet gwida għall-politika permezz ta' Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni, l-Istati Membri komplew bl-isforzi tagħhom biex jipprovdu akkomodazzjoni, edukazzjoni, assistenza psikoloġika u miżuri ta' integrazzjoni ġenerali għat-tfal. L-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aħħar interessi tat-tfal baqgħet sfida Prattika fil-kuntest tal-migrazzjoni. Kien hemm progress limitat ħafna fit-tnaqqis tad-detenzjoni ta' tfal migranti. Sadanittant, diversi inizjattivi Ewropej u nazzjonali ffukaw fuq ir-riskji tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti fost iż-żgħażaġh.

F'konformità mat-tendenza tas-sentejn preċedenti, l-għadd ta' tfal fl-UE li jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kompli jonqos. Madankollu, kważi 25 miljun tifel u tifla jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; dan jirrikjedi l-attenzjoni urġenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprevedi li "It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom". Is-Semestru Ewropew fl-2017 inkluda għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatati mat-tfal – iżda, għall-ewwel darba, l-ebda waħda minnhom ma kienet tirrelata mal-faqar fost it-tfal. Fil-Programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom, bħala parti mis-Semestru Ewropew, l-Istati Membri tal-UE jagħmlu użu limitat ħafna mir-Rakkomandazzjoni 2013 tal-Kummissjoni Ewropea "Investment fit-tfal: inkissru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ". Għalkemm dan ġie kkritikat mill-atturi tas-soċjetà ċivili, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jista' jippreżenta opportunità biex jinbidlu r-rati tal-qgħad fost it-tfal u tiġi rinforzata r-Rakkomandazzjoni 2013 tal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni tagħha fl-2017.

FRA Opinjoni 8.1

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li jwettqu l-impenji inklużi fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex jipproteġu lit-tfal mill-faqar, jipprovdu aċċess għal edukazzjoni bikrija tat-tfal affordabbli u kura ta' kwalità tajba mingħajr diskriminazzjoni. Dawn għandhom ukoll jiżguraw id-dritt tal-bniet u tas-subien minn sfondi żvantaġġati

għal miżuri speċifiċi sabiex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs. L-implimentazzjoni tal-Pilastru tirrikjedi proposti leġiżlattivi konkreti, pjanijiet ta' azzjoni, allokazzjoni baġitarja u sistemi ta' monitoraġġ fl-oqsma kollha li jaffettwaw lit-tfal u lill-familji tagħhom, bħall-impjeggi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, l-edukazzjoni u abitazzjoni affordabbli.

Meta jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom għas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri tal-UE għandhom jużaw ir-Rakkomandazzjoni 2013 tal-Kummissjoni "Investiment fit-tfal".

Sebgħa fil-mija tal-familji bit-tfal fl-UE jesperjenzaw privazzjoni ta' abitazzjoni severa. Dawn qed jgħixu f'unitajiet domestiċi ffullati b'mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: bejt li jnixxi, nuqqas ta' banju/xawer u toilet fuq ġewwa, jew dawl insuffiċjenti. Minkejja n-nuqqas ta' data fl-UE kollha dwar l-evizzjonijiet u l-fenomeni tal-persuni mingħajr dar, ir-rapporti mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-NGOs jenfasizzaw għadd akbar ta' tfal f'xelters għall-persuni mingħajr dar. L-Artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirrikonoxxi "[i]d-dritt għal għajjuna soċjali u għal għajjuna għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali". Il-prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jinkludu

wkoll aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali, protezzjoni minn evizzjoni sfurzata u appoġġ għall-persuni mingħajr dar – iżda, għall-kuntrarju tal-Karta Soċjali Ewropea riveduta, il-Pilastru ma jistabbilixxi l-ebda miżura vinkolanti. Madankollu, fir-ratifikkazzjoni tal-Karta Soċjali Ewropea Riveduta, seba' Stati Membri biss aċċettaw id-dispożizzjoni bħala vinkolanti fuq id-dritt għall-akkomodazzjoni.

FRA Opinjoni 8.2

L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabbilixxu l-għlieda kontra l-privazzjoni ta' abitazzjoni severa bħala prijorità politika u jiżguraw li l-familji bit-tfal, speċjalment dawk li jgħixu f'riskju ta' faqar, ikollhom aċċess prijoritarju għall-akkomodazzjoni soċjali jew jingħataw assisten-za xierqa għall-akkomodazzjoni. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jindirizzaw il-fenomenu tal-persuni mingħajr dar u jimplimentaw miżuri li jinkludu l-prevenzjoni jew id-dewmien ta' evizzjonijiet tal-familji bit-tfal, speċjalment matul ix-xitwa. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mid-diversi programmi ta' finanzjament għall-akkomodazzjoni li toffri l-UE.

L-UE għandha tippromwovi skambju reġjonali u transnazzjonali ta' prattiki relatati ma' miżuri prattiċi sabiex jiġu evitati l-evizzjonijiet tal-familji bit-tfal. Din għandha tippromwovi wkoll sforzi madwar l-UE kollha sabiex tinġabar data dwar l-evizzjonijiet tal-familji bit-tfal u dwar il-fenomenu tal-persuni mingħajr dar.

L-għadd ta' persuni li jftixxu l-ażil u r-rifuġjati li jaslu fil-Ewropa żdied fl-2017. Inqas minn 200,000 tifel u tifla applikaw għall-ażil fl-UE, tnaqqis ta' kważi 50 % meta mqabbel mal-2016. Il-Komunikazzjoni tal-2017 tal-Kummissjoni Ewropea li tistipula azzjonijiet għall-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni kienet pass 'il quddiem pożittiv. L-aħjar interessi tat-tfal huwa prinċipju internazzjonali stabbilit sew tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem li huwa stipulat fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (l-Artikolu 3), fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (l-Artikolu 24) u fil-liġi sekondarja tal-UE, kif ukoll fil-maġġoranza tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali relatati mat-tfal. Madankollu, hemm nuqqas ta' gwida, id-data miġbura għar-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2018 tal-FRA turi li; ftit Stati Membri biss żviluppaw proċessi u metodi strutturati biex jimplimentaw l-aħjar interessi tat-tfal fil-prattika.

FRA Opinjoni 8.3

L-Istati Membri tal-UE għandhom jifformalizaw proċeduri adatti għall-kuntesti nazzjonali tagħhom biex jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal fil-qasam tal-ażil jew tal-migrazzjoni. Tali proċeduri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar sitwazzjonijiet meta tkun meħtieġa deternazzjoni formali tal-aħjar interessi, min huwa responsabbli, kif din għandha tiġi rreġistrata u liema metodoloġija sensittiva għall-ġeneru u għall-kultura din għandha ssegwi.

L-UE tista' tiffaċilita dan il-proċess billi tikkoordinah, tidentifika prattika attwali u tiggwida l-proċess, permezz ta' netwerks eżistenti tal-Istati Membri dwar id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni, li tikkoordina l-Kummissjoni Ewropea.

It-tfal għadhom jinżammu għal skopijiet ta' immigrazzjoni. Madankollu, għadd ta' Stati Membri ħadu passi pożittivi lejn l-iżvilupp ta' alternattivi għad-detenzjoni. L-acquis tal-UE jistabbilixxi li t-tfal għandhom jinżammu biss bħala l-aħjar soluzzjoni u biss jekk miżuri inqas restrittivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv. Tali detenzjoni għandha tkun biss għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. Fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Migranti u tal-Membri tal-Familji Tagħhom ħarġu żewġ Kummenti Ġenerali Konġunti li fihom huma jqisu d-detenzjoni tal-immigrazzjoni tat-tfal bħala ksur tad-drittijiet tat-tfal. Dawn jafferaw li t-tfal "should never be detained for reasons related to their or their parents' migration status" (m'għandhom qatt jinżammu minħabba raġunijiet relatati mal-istatus tal-migrazzjoni tagħhom jew tal-ġenituri tagħhom). Ir-rekwiżiti stretti li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mill-Artikolu 3 (il-projbizzjoni tat-tortura) u mill-Artikolu 5 (id-dritt għal-libertà u s-sigurtà) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) ifissru li ċ-ċaħda tal-libertà se tkun konformi biss mal-liġi tal-UE f'każijiet eċċezzjonali.

FRA Opinjon 8.4

Sabiex jippromwovu d-dritt tat-tfal għall-protezzjoni u l-kura, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw alternattivi kredibbli u effettivi mhux ta' kustodja li ma jkunux jeħtieġu ż-żamma tat-tfal matul il-proċeduri tal-ażil jew għal skopijiet ta' ritorn, irrISPETTIVAMENT minn jekk dawn ikunux fl-UE waħedhom jew mal-familji tagħhom. Dan jista' jinkludi li jsir żvilupp abbażi ta' pereżempju, ġestjoni tal-każjiet, kura alternattiva, konsulenza u coaching.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis il-monitoraġġ sistematiku tal-użu tad-detenzjoni tal-immigrazzjoni għat-tfal u persuni oħrajn f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, imsejsa f'ideoloġiji differenti, huma realtà fl-Ewropa. L-istabiliment tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni ta' Livell Għoli tal-UE dwar ir-Radikalizzazzjoni (HLCEGR) huwa żvilupp promettenti lejn rispons komprensiv. Fil-qasam tar-radikalizzazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar is-sigurtà interna jeżisti għadd ta' tħassib relatat mad-drittijiet fundamentali. L-Istati Membri implimentaw taħlita ta' miżuri għall-infurzar tal-liġi, iżda stabbilixxew ukoll programmi edukattivi jew ċentri ta' appoġġ għat-tfal li jinsabu f'riskju ta' radikalizzazzjoni u l-familji tagħhom, jew ippromwovew narrattivi alternattivi fuq il-pjattaformi online.

FRA Opinjon 8.5

L-Istati Membri tal-UE għandhom jindirizzaw il-fenomeni kumpless tar-radikalizzazzjoni permezz ta' approċċ olistiku, multidimensjonali li jmur lil hinn mill-miżuri tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi. Għal dan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi li jippromwovu ċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, tat-tolleranza u tan-nondisikriminazzjoni, b'mod partikolari f'ambjenti edukattivi. L-Istati Membri għandhom iħeġġu koordinazzjoni effettiva fost atturi eżistenti fil-protezzjoni tat-tfal, il-ġustizzja, il-kura soċjali u taż-żgħażaġh, is-sistemi tas-saħħa u tal-edukazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat intervent integrat komprensiv.

9. Access għall-ġustizzja inkluż id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità

Minkejja diversi sforzi mill-UE u minn atturi internazzjonali oħra, l-isfidi fl-oqsma tal-istat tad-dritt u l-ġustizzja qajmu dejjem aktar tħassib fl-UE fl-2017, u wasslu għall-ewwel proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 7 (1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Sadanittant, bosta Stati Membri tal-UE ħadux xi passi biex isaħħu l-mekkaniżmi kollettivi tagħhom ta' rimedju, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 2013/396/UE, li potenzjalment iwassal għal titjib fl-aċċess għall-ġustizzja. Kien hemm ukoll progress fid-drittijiet tal-vittmi. Madwar terz mill-Istati Membri tal-UE adottaw leġislazzjoni biex jittrasponu d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi; ħafna implimentaw miżuri ġodda fl-2017 biex jiżguraw li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni f'waqtha u xierqa dwar id-drittijiet tagħhom mill-ewwel punt ta' kuntatt – spiss il-pulizija. L-UE ffirmat il-Konvenzjoni ta' Istanbul bħala l-ewwel pass fil-proċess tar-ratifikazzjoni tagħha. Tliet Stati Membri tal-UE oħra rratifikaw il-Konvenzjoni fl-2017, li rrinforza r-rikonoxximent tal-istrument mill-Istati Membri tal-UE bħala li jiddefinixxi standards Ewropej għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Dan jinkludi l-fastidju sesswali – kwistjoni li rċeviet attenzjoni wiesgħa minħabba l-moviment #metoo.

Fl-2017, l-UE u atturi internazzjonali oħrajn komplew jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar fil-qasam tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-kwistjoni ta' indipendenza ġudizzjarja. Ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tal-aċċess għall-ġustizzja (l-Artikolu 19 tat-TUE, l-Artikolu 67(4) tat-TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). Minkejja l-isforzi kontinwi tal-atturi tal-UE u ta' atturi internazzjonali oħrajn, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE kkważat żieda fit-tħassib, b'mod partikolari f'termini ta' indipendenza ġudizzjarja. Din wasslet lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta, għall-ewwel darba fl-istorja tal-UE, proposta lill-Kunsill għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE.

FRA Opinjoni 9.1

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġin ikomplu jsaħħu l-isforzi u l-kollaborazzjoni tagħhom biex jirrinforzaw ġudikaturi indipendenti, komponent essenzjali mill-istat tad-dritt. Pass 'il quddiem f'dan il-kuntest huwa li nitbiegħdu mill-approċċ eżistenti li nindirizzaw l-emerġenzi relatati mal-istat tad-dritt f'pajjiżi individwali b'mod ad hoc. Minflok, l-isforzi eżistenti għandhom jiġu intensifikati

sabiex jiġu żviluppati kriterji u valutazzjonijiet kuntestwali biex jiggrawidaw lill-Istati Membri fir-rikonoxximent u l-indirizzar ta' kwalunkwe kwistjoni possibbli relatata mal-istat tad-dritt b'mod regolari u komparattiv. Barra minn hekk, għandha tittieħed azzjoni fir-rigward tal-parir eżistenti mmirat mill-mekkaniżmi Ewropej ta' monitoraġġ u mill-mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-azzjonijiet rimedjali stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea maħruġa bħala parti mill-proċedura tagħha tal-Qafas tal-Istat tad-Dritt, sabiex tiġi żgurata konformità mal-istat tad-dritt. L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom dejjem ikunu lesti jiddefendu l-istat tad-dritt u jieħdu azzjonijiet meħtieġa biex jiġġieldu kwalunkwe tentattiv li jdgħajef l-indipendenza tal-ġudikatura tagħhom.

Mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv itejbu l-aċċess għall-ġustizzja, li huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-liġi tal-Unjoni u jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, kif meħtieġ mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għal dan il-għan, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2013/396/UE dwar



prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li tikkonċerna l-ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-Liġi tal-Unjoni ppruvat tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja u għal dan il-għan irrakkomandat mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv ġenerali abbażi tal-istess prinċipji bażiċi fl-Istati Membri kollha tal-UE. Fl-2017, il-Kummissjoni nediet valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2013/396/UE u diversi Stati Membri ħadu passi biex jimplementawha direttament. Madankollu, il-leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali għadha tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, filwaqt li toħloq forum u livelli differenti ta' azzjoni kollettiva.

FRA Opinjoni 9.2

L-Istati Membri tal-UE - li jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u ma' korpi oħrajn tal-UE - għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/396/UE dwar mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv tiġi implimentata bis-sħiħ sabiex tippermetti azzjoni kollettiva effettiva u aċċess effettiv għall-ġustizzja. Il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għandu jkollhom kamp ta' applikazzjoni wiesa' u ma jkunux limitati għal kwistjonijiet relatati mal-konsumaturi. Il-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll tiegħu vantaġġ mill-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/396/UE, li tnediet fl-2017, biex tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Istati Membri tal-UE biex jintroduċu jew jirrifirmaw il-mekkaniżmi nazzjonali tagħhom għal rimedju kollettiv f'konformità mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet fundamentali fl-oqsma kollha fejn il-pretensjonijiet kollettivi għal inġunzjonijiet jew ħsarat fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi tal-Unjoni jkunu rilevanti.

Is-sena tal-2017 rat żviluppi pożittivi f'termini ta' aktar Stati Membri tal-UE jadottaw leġiżlazzjoni biex jittrasponu d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, inklużi sforzi biex jiġi żgurat li l-vittmi jkunu infurmati dwar id-drittijiet li huma għandhom skont il-leġiżlazzjoni l-ġdida. L-evidenza fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri turi li l-vittmi għandhom qed jiffaċċjaw ostakoli meta dawn jirrapportaw kriminalità u li l-vittmi mhux dejjem jirċievu informazzjoni komprensiva dwar id-drittijiet tagħhom. Dan jista' jaffettwa b'mod negattiv l-oportunità tal-vittmi biex jaċċessaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika.

FRA Opinjoni 9.3

Wara żviluppi legali pożittivi sabiex id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tiġi trasposta sal-2017, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiffukaw fuq l-implimentazzjoni effettiva tad-direttiva. Dan għandu jinkludi l-ġbir ta' data mqassma skont il-ġeneru dwar kif il-vittmi tal-kriminalità aċċessaw id-drittijiet tagħhom; tali data għandha tintuża sabiex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-oqfsa istituzzjonali biex jippermettu u jagħtu s-setgħa lill-vittmi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Ġbir ta' data ulterjuri fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE se jagħti għarfien dwar dan u se jenfasizza d-diskrepanzi li jeħtieġ li jiġu eliminati sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jkollhom aċċess għad-drittijiet u l-appoġġ fil-prattika.

Fl-2017, tliet Stati Membri oħrajn tal-UE rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul), u b'hekk dan wassal biex l-għadd totali tal-Istati Membri tal-UE li kienu rratifikaw il-konvenzjoni sat-tmiem tas-sena tela' għal 17. Meta wieħed jiġi biex jiddetermina l-istandards Ewropej għall-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza, il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar punt importanti ta' referenza. B'mod partikolari, l-Artikolu 36 jobbliga lill-Istati partijiet jikkriminalizzaw kull att sesswali mhux konsenswali u jadottaw approċċ li jenfasizza u jirrinforza l-awtonomija sesswali bla kundizzjonijiet ta' persuna. Madankollu, ir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-2017 mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO) żvelaw diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kriminalizzazzjoni ta' atti sesswali mhux konsenswali, li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tal-konvenzjoni.

FRA Opinjoni 9.4

L-Istati Membri kollha tal-UE u l-UE nnifisha għandhom jikkunsidraw ir-ratiffika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul). L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jindirizzaw id-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-atti sesswali kollha mhux konsenswali. L-Istati Membri tal-UE għandhom - f'konformità mal-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul - jikkriminalizzaw b'mod mhux ambigwu u bla kundizzjonijiet l-atti rispettivi.

Ir-realtajiet severi li ġew żvelati mill-moviment globali #metoo jissottolinjaw is-sejbiet tal-FRA mill-istħarriġ tagħha tal-2012 dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa, li wera li l-vjolenza kontra n-nisa – inkluż il-fastidju sesswali – tibqa' mifruxa. Għalhekk, hemm bżonn ċar għal enfasi mġedda fuq dan il-qasam kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri.

FRA Opinjoni 9.5

L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrinforzaw l-isforzi tagħhom u jieħdu miżuri ulterjuri biex jipprevjenu u jiġġieldu l-fastidju sesswali. Dan għandu jinkludi passi meħtieġa lejn il-projbizzjoni effettiva tal-fastidju sesswali fir-rigward tal-aċċess għall-impjegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'konformità mad-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u professjonijiet (riformulazzjoni).



10. Żviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

Ir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 pprovda opportunità biex jittieħed kont tal-isforzi tal-UE biex tirrealizza d-drittijiet stipulati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD). Il-progress lejn l-adozzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà indika li qed joqrob stadju leġiżlattiv importanti. Madankollu, minkejja li saru kisbiet sinifikanti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, jippersistu diskrepanzi fl-implimentazzjoni f'oqsma ewlenin bħall-aċċessibbiltà u l-għajxien indipendenti. Għodod bħal indikaturi, kif ukoll sentenzi minn qrati nazzjonali dwar il-ġustizzjabbiltà tas-CRPD, jistgħu jgħinu biex jiġu żgurati li l-wegħdiet ta' obbligi legali jiġu segwiti fil-prattika. L-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33 (2) tal-konvenzjoni għandhom rwol kruċjali wkoll, iżda n-nuqqas ta' riżorsi, mandati limitati u nuqqas ta' indipendenza jimminaw l-effettività tagħhom.

Ir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà juri kif l-azzjonijiet sabiex tiġi implimentata l-Konvenzjoni tal-Istati Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) qegħdin jgħinu fit-twettiq ta' riformi legali u ta' politika estensivi, mill-aċċessibbiltà għall-għajxien indipendenti. Madankollu, xi inizjattivi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri ma jinkorporawx b'mod sħiħ l-approċċ għad-diżabbiltà bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem meħtieġ mis-CRPD, jew m'għandhomx objettivi ċari, baġits adegwati u gwida operazzjonali għall-implimentazzjoni u l-valutazzjoni effettivi dwar il-progress.

FRA Opinjoni 10.1

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jintensifikaw l-isforzi biex jintegraw l-istandards tas-CRPD fl-oqfsa legali u ta' politika tagħhom biex jiżguraw li l-approċċ għad-diżabbiltà bbażat fuq id-drittijiet ikun rifless b'mod sħiħ fil-liġi u fit-tfassil ta' politiki. Dan għandu jinkludi reviżjoni komprensiva tal-leġiżlazzjoni għall-konformità mas-CRPD. Il-gwida dwar l-implimentazzjoni għandha tinkorpora miri u skedi ċari, u tidentifika l-atturi responsabbli għar-riformi. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll li jiżviluppaw indikaturi biex jintraċċaw il-progress u jenfasizzaw id-diskrepanzi fl-implimentazzjoni.

Fl-2017, negozjati intensivi wasslu biex il-Kunsill tal-UE u l-Parlament Ewropew adottaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar l-Att Ewropew propost dwar l-Aċċessibbiltà, u dan juri l-impenn tal-UE lejn din il-leġiżlazzjoni ewlenija biex timplimenta s-CRPD. Madankollu, għad fadal differenzi sinifikanti fir-rigward ta' kwistjonijiet importanti, bħall-kamp ta' applikazzjoni tal-applikabbiltà tal-att għal servizzi tal-midja awdjoviżiva u tat-trasport, kif ukoll l-interrelazzjoni tiegħu ma' liġi oħra rilevanti tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku. Dan iqajjem il-prospett li l-proposta tiddgħajjef f'oqsma ewlenin matul in-negozjati leġiżlattivi, li joħloq ir-riskju li titnaqqas il-kapaċità tal-att biex itejjeb l-aċċessibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà fl-UE.

FRA Opinjoni 10.2

L-UE għandha tiżgura adoxxjoni rapida ta' Att Ewropew komprensiv dwar l-Aċċessibbiltà, li jinkludi miżuri ta' infurzar sodi. Dan għandu jistipula standards għall-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni u tas-servizzi tat-trasport. Sabiex tiġi żgurata koerenza mal-korp usa' tal-leġiżlazzjoni tal-UE, l-Att għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jorbtuh ma' atti oħrajn rilevanti, bħar-regolamenti li jkopru l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) jaqdu rwol importanti fl-appoġġ ta' sforzi nazzjonali sabiex jinkiseb għajxien indipendenti. Is-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà, jistgħu jaqdu rwol importanti fl-għoti tal-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-użu tal-fondi.

FRA Opinjoni 10.3

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà stipulati fis-CRPD u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiġu rrispettati bis-siġħ sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex jappoġġjaw l-għajxien indipendenti. Sabiex jippermettu monitoraġġ effettiv tal-fondi u r-riżultati tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi wkoll biex jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-FSIE u jiżguraw għalhekk ta' data adegwat u xieraq dwar kif jintużaw l-FSIE.

Sa tmiem l-2017, l-Irlanda kienet l-uniku Stat Membru tal-UE li ma kinitx irrattifikat is-CRPD, għalkemm ir-riformi ewlenin li jwittu t-triq għar-ratiffika issa qegħdin fis-seħħ. Barra minn hekk, ħames Stati Membri u l-UE għadhom ma rrattifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD, li jippermetti lill-individwi jressqu lmenti lill-Kumitat tas-CRPD u lill-Kumitat li jagħti bidu għal inkjesti kunfidenzjali malli jirċievi "informazzjoni affidabbli li tindika ksur gravi jew sistematiku" tal-konvenzjoni (Artikolu 6).

FRA Opinjoni 10.4

L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma sarux parti għall-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD għandhom jikkunsidraw li jlestu l-passi meħtieġa biex jiggarantixxu r-ratifikazzjoni tagħha mill-aktar fis possibbli biex tintlaħaq ratiffika sħiħa u mifruxa mal-UE kollha tal-Protokoll Fakultattiv tagħha. L-UE għandha tikkunsidra wkoll li tiegħu passi rapidi biex taċċetta l-Protokoll Fakultattiv.


Tnejn mis-27 Stat Membru tal-UE li rrattifikaw is-CRPD kienu għadhom, sal-aħħar tal-2017, ma stabbilix-xewx oqfsa biex jippromwovu, jipproteġu u jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħha, kif mitlub skont l-Artikolu 33 (2). Barra minn hekk, il-funzjonament effettiv ta' xi oqfsa eżistenti huwa imminat minn riżorsi insuffiċjenti, mandati limitati u nuqqas ta' żgurar ta' parteċipazzjoni sistematika ta' persuni

b'diżabbiltà, kif ukoll nuqqas ta' indipendenza skont il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

FRA Opinjoni 10.5

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw li jallokaw riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti u stabbli għall-oqfsa ta' monitoraġġ stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tas-CRPD. Kif stipulat fl-Opinjoni legali tal-FRA tal-2016 li tikkonċerna r-rekwiżiti skont l-Artikolu 33 (2) tas-CRPD f'kuntest tal-UE, għandhom jikkunsidraw ukoll li jiggarantixxu s-sostenibbiltà u l-indipendenza ta' oqfsa ta' monitoraġġ billi jiżguraw li dawn jibbenefikaw minn bażi legali soda għax-xogħol tagħhom u li l-kompożizzjoni u l-operat tagħhom iqisu il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.





Is-sena 2017 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakoli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2018 tal-FRA jirrevedi l-iżviluppi prinċipali fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2017, u jagħti deskrizzjoni tal-opinjoni tal-FRA dwar dawn. Filwaqt li jinnotta kemm ksbiet kif ukoll oqsma ta' tħassib li għad fadal, huwa jipprovdi intuwi fil-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE.

Il-fokus tal-kapitolu ta' dan is-sena janalizza l-bidla lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fir-rigward tat-tixjiħ. Il-bqija tal-kapitolu jiddiskutu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; ażil u migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implementazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Aktar informazzjoni:

Għar-Rapport tad-Drittijiet Fundamentali tal-2018 (*Fundamental Rights Report 2018*) tal-FRA sħiħ – ara <http://fra.europa.eu/en/publication/2018/fundamental-rights-report-2018>

Ara wkoll pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati:

- FRA (2018), *Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2018 – opinjonijiet tal-FRA*, Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <http://fra.europa.eu/en/publication/2018/fundamental-rights-report-2018-fra-opinions> (disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE)
- FRA (2018), *Shifting perceptions: towards a rights-based approach to ageing*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <http://fra.europa.eu/en/publication/2018/frr-2018-focus-rights-based-ageing> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż)

Għal rapporti Annwali tal-FRA preċedenti fuq l-isfidi tad-drittijiet fundamentali u l-kisbiet fl-Unjoni Ewropea f'sena speċifika, ara: <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/annual-reports> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).



FRA – L-AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel +43 158030-0 – Fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
[facebook.com/fundamentalrights](https://www.facebook.com/fundamentalrights)
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)
twitter.com/EURightsAgency



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2018
Ritratti (fuq ix-xellug għal-lemin tal-qiegħ): © iStockphoto;
Il-Kummissjoni Ewropea; iStockphoto (3 & 4);
OSCE (Milan Obradovic); iStockphoto (6-10)
Print: ISBN 978-92-9474-074-8, doi:10.2811/414362
PDF: ISBN 978-92-9474-075-5, doi:10.2811/523931